**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 839/2007 AF**

**Assuero Gauci u b'digriet tad-19 ta' Frar 2015 il-Qorti ordnat li l-atti jigu trasfuzi f'isem Carmen Pirotta u dan wara l-mewt ta' Assuero Gauci**

**vs**

**Victor u Josephine konjugi Magro u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2012, il-Qorti laqghet it-talba biex stante l-mewt ta' Victor Magro, l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Raisa Magro u Stephanie Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent jigi missier il-konvenuta Josephine Magro.

Il-partijiet huma kollha komparenti fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Dottor John Debono datat 14 ta' Mejju 2004, fejn l-esponenti ikkostitwixxa ruhu debitur tal-konvenuti, b'titolu ta' self, fl-ammont ta' erbatax-il elf Lira Maltija (Lm14,000), li kopja tieghu jinsab hawn anness, esebit u mmarkata bhala Dok. A.

Bhala fatt, l-esponenti qatt ma ssellef ebda somma ta' flus mill-konvenuti, anzi pjuttost kien hu li kien jaghtihom il-flus kull meta kellhom bzonn, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant ghandu jirrizulta li dan il-kuntratt huwa bbazat fuq *causa* inezistenti, li ggib in-nullità tal-istess kuntratt.

Di più, il-konvenuti hadu vantagg indebitu tal-esponenti, ragel anzjan bi storja ta' psikjatrija li kien tfarrak psikologikament wara s-separazzjoni minn ma' martu li sehhet biss madwar xahrejn qabel, b'rizultat li l-kunsens tal-esponenti fuq il-kuntratt *de quo* kien ivvizzjat bi theddid, vjolenza, qerq, u zball da patti tal-konvenuti.

Dan ukoll ghandu jgib in-nullità tal-kuntratt *de quo*.

L-esponenti irrealizza l-import tal-kuntratt *de quo* biss fis-sena 2006 u interpella lill-konvenuti, kemm bil-fomm, kif ukoll bil-miktub sabiex il-kuntratt *de quo* jigi rexxiz.

Interpellati diversi drabi sabiex dan il-kuntratt jigi rexxiz skond il-Ligi, il-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti.

Dawn il-fatti l-esponenti jaf bihom personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Dottor John Debono datat 14 ta' Mejju 2004 huwa null u bla ebda effett fil-Ligi stante li huwa bbazat fuq *causa* inezistenti.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Dottor John Debono datat 14 ta' Mejju 2004 huwa null u bla ebda effett fil-Ligi, u dan stante li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat bi vjolenza, theddid, qerq, pressjoni indebita u zball li ghalihom jahtu unikament il-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-Ittri Ufficcjali tat-22 ta' Frar 2007 u l-31 ta' Mejju 2007, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

L-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-kuntratt mertu tal-kawza huwa validu skond il-Ligi u huwa minnu li sar is-self kif ukoll mhuwiex minnu li l-kuntratt huwa vizzjat bi theddid, vjolenza, qerq u zball da parte tal-konvenuti.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew illi:

L-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1222(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1222(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara null u mingħajr effett il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fl-14 ta' Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono. Dan peress illi jgħid li l-imsemmi kuntratt huwa bbażat fuq kawża ineżistenti u li l-kunsens tiegħu kien ivvizjat bi vjolenza, theddid, qerq, pressjoni indebita u żball li għalihom jaħtu l-konvenuti.

L-azzjoni attriċi hi bbażata fuq l-artikolu 1212 tal-Kodiċi Ċivili li tiddisponi li:

> "*Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġettt għar-rexxissjoni.*"

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa missier il-konvenuta. Fl-14 ta' Mejju 2004 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono li permezz tiegħu l-attur ikkostitwixxa ruħu debitur veru, ċert u likwidu b'titolu ta' self favur il-konvenuti għas-somma ta' Lm14,000, rifondibbli fuq sempliċi talba tal-kredituri, bl-imgħax bir-rata ta' 7% dekorribbli minn dakinhar tal-kuntratt, liema imgħax kellu jitħallas flimkien mal-kapital.

Skont l-attur, mhuwiex minnu li huwa qatt issellef xi flus mingħand il-konvenuti imma jgħid li ġie mġiegħel jiffirma l-iskrittura impunjata minħabba biża ta' vjolenza fiżika. Huwa rrakkonta permezz ta' affidavit kif dakinhar tat-13 ta' Mejju 2004 il-konvenut kien heddu li joqtlu jekk ma jiffirmax l-iskrittura u li l-għada, il-konvenuti kienu marru għalih u ħaduh għand in-nutar bil-forza fejn kien iffirma l-iskrittura għaliex kien beża li l-konvenut veru kien jasal joqtlu jekk ma jiffirmax. L-attur ikompli jgħid li kien biss fis-sena 2006 li huwa mar ikellem nutar li spjegalu l-kontenut tal-iskrittura. L-attur jinsisti li l-konvenut kien ikkawża ħafna inkwiet fil-familja tiegħu u li saħansitra kien il-kaġun tas-separazzjoni tiegħu minn ma' martu.

L-attur isemmi okkażjoni fl-2006 meta l-konvenut daħal fil-knisja tal-Mosta fejn kien hu u beda jgħajjat miegħu sabiex jirritorna l-flus li kien silfu. Carmen Pirotta, bint l-attur li assumiet l-atti tal-kawża wara mewtu, wkoll issemmi dan l-inċident ġewwa l-knisja tal-Mosta. Hija tgħid illi missierha kien deher inkwetat u wara xi żmien kien qalilhom li l-konvenuti kienu ġiegheluh jiffirma karta li ma kienx jaf x'inhi. Tkompli billi tgħid li kien għalhekk li insistiet li missierha jmur għand nutar u minn hemm saru jafu li kien iffirma karta li huwa kien ssellef Lm14,000. Tgħid ukoll li hija ċerta li missierha qatt ma ssellef flus mingħand il-konvenuti.

Il-konvenuta u uliedha, li assumew l-atti tal-kawża wara l-mewt ta' missierhom, jinsistu li dak li ġie maqbul fl-iskrittura tal-partijiet jirrifletti r-realtà stante li l-attur kellu bżonn il-flus għaliex kellu l-vizzju tal-logħob u peress li ma kienx f'posizzjoni finanzjarja tajba riedu jisilfuh il-flus sabiex ma jbiegħx il-proprjetà immobbli tiegħu bi prezz baxx. Huma kellhom interess f'din il-proprjetà għaliex kienet ser tiritha l-konvenuta. Il-konvenuta tgħid illi n-negozju sar bejn missierha u żewġha u li dakinhar tal-kuntratt hija marret biex tiffirma biss b'dan illi żżid tgħid li quddiemha ma kienux għaddew flus.

Sfortunatament, kemm l-attur kif ukoll il-konvenut mietu fil-mori tal-kawża. L-attur laħaq biss preżenta affidavit iżda ma sarlu l-ebda kontro-eżami, filwaqt illi l-konvenut laħaq miet qabel kellu l-opportunità li jixhed.

A tenur tal-artikolu 966(b) tal-Kapitolu 16, il-kunsens ta' dak li jobbliga ruħu huwa wieħed mir-rekwiżiti essenzjali sabiex il-kuntratt ikun jiswa.

Il-kawża tal-lum hija bbażata fuq is-segwenti artikoli tal-Kap. 16:

> *"974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*
>
> *976. (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

*978. (1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.*

*(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.*

*981. (1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat*."

L-attur jallega wkoll li l-kuntratt impunjat huwa null u bla effett fil-liġi stante li huwa bbażat fuq kawża ineżistenti. Il-Qorti qiegħda tifhem li l-attur qiegħed jinvoka l-artikolu 987 tal-Kap. 16 li jiddisponi li *'l-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.'*

Permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri, il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:

*"(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*

*(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

L-artikolu sussegwenti jaqra hekk:

*"(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.*

*(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

Dwar l-artikolu 1222, fil-kawża ta' Maria Agius vs Josephine Schembri et, deċiż fit-23 ta' April 2009, din il-Qorti diversament presjeduta kellha xi tgħid hekk:

*"Illi l-artikolu 1222 tal-Kodici Civili tirrigwarda l-preskrizzjoni relatata mal-azzjoni tan-nullità u ta' rexissjoni biex jigi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi wahda mill-kundizzjonijiet necessarji ghall-ezistenza tieghu jew ghaliex ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leziv ghal xi wiehed mill-kontraenti.*

*Ghalhekk, huwa imperattiv, la darba gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li jibdew jghoddu minn meta jinkixef l-izball jew eghmil doluz. Illi fil-fatt, gie ritenut fil-kaz* ***Maria Zammit vs Lawrence James Cappello et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1962, li:*

*"Il-preskrizzjoni bjennali tal-azzjoni tar-rexissjoni ta' kuntratt minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' mara mizzewga, interdizzjoni jew nuqqas ta' età u obbligazzjonijiet minghajr kawza jew b'kawza falza, tibda tiddekorri fil-kaz ta' zball, ghemil doluz u kawza falza, mill-jum li fih jinkixef id-difett. Din l-istess preskrizzjoni pero` mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita` radikali; ghax in-nullita` radikali tirrendi l-obligazzjoni inezistenti, filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra fuq imsemmija hu presuppost li l-obbligazzjoni tezisti. U l-provi mehtiega biex isostnu l-preskrizzjoni jinkombu fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni."*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Gourmet Company Limited et vs Marianno Vella*** *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru, 2001 gie deciz li:*

*"L-iskritturi li jikkreaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti jigi prezunt illi huma validi u fedelment jirriflettu l-volonta` kontrattwali taghhom. Minn jadduci l-kontra u jadduci l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-*

*elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizzjat tali kunsens, biex jirnexxi fl-azzjoni, ghandu jipproduci provi univoci, konklussivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu, haga li rriteniet il-Qorti ta' l-Appell l-appellanti certament ma ghamlux."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Adrian de Haan vs George Whelpdale et*** *deciza fil-31 ta' Lulju, 1996 [LXXX-II-I-893] irriteniet li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni ma jistax jibda jiddekorri jekk mhux mill-mument illi l-persuna obbligata ingustament tigi a konjizzjoni tal-att abbusiv kommess fil-konfront taghha u li hemm ippregudikaha.*

*Principju iehor dwar il-preskrizzjoni huwa l-aspett tal-interpretazzjoni restrittiva u li ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura li l-azzjoni tigi ezercitata entro t-terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-konvenuti jigu debitament accertati, hija minnha nnifisha odjuza u allura ghandha tigi applikata restrittivament. (Ara* ***Noel Ellul et noe vs Francis Vella noe*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001, u* ***Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited*** *deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 2003).*

*Id-data trid tigi stabbilita b'mod car. Fil-kawza fl-ismijiet* ***John Bugeja vs Joseph Gauci*** *deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [I. J. R. Micallef] inghad:*

*"Illi marbut ma' dan il-prinċipju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull każ trid tistħarreġ u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eċċezzjoni."*

*Izda fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet* ***Sammy Murgo vs Henry P. Cole*** *deciza fl-31 ta' Mejju 2000 [LXXXIV-II-335] inghad:*

*"Meta obbligazzjoni hija minghajr kawza jew ibbazata fuq kawza falza jew kawza illecita, l-obbligazzjoni hija inesistenti. Il-preskrizzjoni biennali ta' l-azzjoni ta rexxissjoni ta' kuntratt abbazi ta' l-artikolu 1222 mhix applikabbli fil-kazijiet ta' nullita radikali ghax din trendi l-obbligazzjoni inesistenti.*

*Il-preskrizzjoni kontra materjali tappartjeni lill-ordni pubbliku mhix ammessa billi mhux konsentit li l-Qorti jimplimentaw u jaghtu forza guridika u esklussiva ghall-kontrattazzjonijiet bejn privati fejn l-agir taghhom ikun kontra l-istess ligi u ordni pubbliku.'"*

Fil-każ riċenti ta' **DJRL Dance Limited et vs Trends Limited et**, tal-20 ta' Mejju 2019, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"Meta tigi eccepita l-preskrizzjoni jew id-dekadenza, id-data trid tigi stabbilita b'mod car u l-oneru ta' tali prova jaqa' fuq il-konvenut li jkun eccepixxa li l-azzjoni attrici hija preskritta. Fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci** deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili inghad: "Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz trid tistħarreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tiċħad l-eccezzjoni.'"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, jirriżulta li sa fejn din l-azzjoni hija bbażata fuq obbligazzjoni mingħajr kawża, din hija preskritta peress illi l-kawża saret 'l fuq minn tlett snin wara li ġie ffirmat il-kuntratt u mill-atti ma jirriżultax illi l-attur qatt interrompa l-preskrizzjoni peress illi l-ittra uffiċjali interpellatorja saret fl-2007.

Imbagħad, peress illi l-attur isemmi biss episodju wieħed fejn il-konvenut allegatament heddu bi vjolenza, u ċioè lejlet li sar il-kuntratt, a tenur tal-artikolu 1223, fl-agħar ipoteżi l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn dak inhar tal-kuntratt u allura sa fejn l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq allegat vizzju tal-kunsens minħabba biża ta' vjolenza, ukoll hija preskritta.

Madanakollu, u sa fejn l-attur jallega li ġie ndott jidħol fil-kuntratt abbażi ta żball u għemil doluż, il-preskrizzjoni tibda timxi minn dakinhar li jinkixef id-difett u l-attur jallega li huwa sar jaf x'kien iffirma fl-2006. Stante li l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova sabiex ixejnu din l-allegazzjoni tal-attur, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda tiġi miċħuda sa fejn l-azzjoni tal-lum hija bbażata fuq allegat żball u għemil doluż.

Jibqa' għalhekk li tiġi trattata u mistħarrġa t-teżi tal-attur li l-iskrittura tal-14 ta' Mejju 2004 hija nulla u mingħajr effett stante li l-kunsens tiegħu kien vizzjat minħabba żball u għemil doluż.

Dwar il-qerq bħala vizzju tal-kunsens, fil-każ ta' George Portelli et vs Ivan John Felice, tat-28 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

> *"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir ezaġerat dwar xi kwalità tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni. Fil-kaz tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawza ta' nullità tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi;*
>
> *Illi peress li l-għamil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din. Fil-kaz prezenti, dan il-piz jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;*
>
> *Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikultà zejda mill-parti li tallega l-*

*qerq, għaliex f'kaz bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuza faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-għamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun."*

Fil-każ ta' Joseph Aquilina et vs Alfred Ellul, tal-20 ta' Marzu 2003, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"L-elementi tad-dolus huma ben definiti fil-gurisprudenza u fid-duttrina. Biex ikun hemm id-dolo jridu jikonkorru erba' elementi, li huma (a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra; (b) l-eghmil doluz irid ikun gravi; (c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u (d) id-dolo irid ikun sehh bill-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra.*

*Dwar l-ewwel element, jehtieg li l-frodi jigi dejjem pruvat, u frodi "in re ipsa", li kien accettat fid-dritt Ruman, m'ghadux aktar parti mis-sistema taghna. Il-frodi tista' tigi pruvata bi kwalunkwe mezz li tippermetti l-ligi, izda dik il-prova trid tirrizulta b'mod car u cert, u ma tistax tigi prezunta.*

*It-tieni element irid li min ikun vittma ta' frodi juri li l-ingann uzat kien ta' certu gravità. Il-ligi trid tipprotegi l-kunsens ta' dak li jkun, però, ma tridx lanqas tasal li thassar kuntratt b'rizultat ta' kredulità zejda da parti tal-vittma (ara Giorgi, "Teoria Delle Obbligazzione", Vol. IV pagna 127). Certi suggerimenti, insistenzi u attenzjoni zejda da parti ta' dak li jkun irid jikkuntratta, ghalkemm mhux inkoraggjati, huma accettati, u wiehed ghandu joqghod hu attent li ma jaqax vittma ghal dawn it-tricks. Il-gurista Ricci ("Istituzioni di Diritto Civile"), jghid li l-maneggi wzati "deve consistere in quelle arti, maneggi o manovre che escono fuori dalla cerchia delle astuzie solite ad usarsi da tutti i contraenti". Ir-ragiri wzati ghandhom ikunu ta' certa gravita u certi inazetezzi ma jwasslux ghat-thassir tal-kuntratt (ara "Elaida vs FXB Ltd", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Dicembru, 1998)."*

Ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament presjeudta fil-każ ta' Anthony Piscopo vs Charles Filletti tas-16 ta' Ġunju 2003:

> *"A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta";*
>
> *Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*
>
> *Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "**Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih."*

Dwar l-allegat żball ta' fatt, din il-Qorti diversament presjeduta kellha xi tgħid hekk fil-każ ta' Prokuratur Legali Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et, tal-4 ta' Marzu 2004:

> *"Ghar-rigward ta' l-allegat zball ta' fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi li "L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita' tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim". Skond il-gurisprudenza, l-izball fuq is-sustanza ghandu jkun determinanti, soggettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli (ara s-sentenza klassika fuq il-materja "Cutajar vs Petroni" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Lulju, 1969)."*

Wara li fliet bir-reqqa l-provi skarsi prodotti f'din il-kawża, il-Qorti tqis illi l-attur ma ġab l-ebda prova konvinċenti li huwa ġie ndott jiffirma l-kuntratt abbażi ta' żball, qerq jew għemil doluż. Huwa jallega biss li ffirma l-kuntratt għaliex il-konvenut

heddu li ser joqtlu, imma b'daqshekk ma jfissirx illi ma kienx jaf x'qiegħed jiffirma. Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-attur huwa illitterat u l-Qorti hija mħassba dwar kif l-attur ma qal xejn dwar attwalment x'ġara dak il-ħin li kien qiegħed isir il-kuntratt u filfatt ma jagħmel l-ebda allegazzjoni fis-sens li n-nutar ma kienx qiegħed jaqrah u jispjegah huwa u jiktbu.

L-attur preżenta kopja ta' ittra li allegatament kienet kitbitlu l-konvenuta. Iżda l-konvenuta ċaħdet li din l-ittra kitbitha hi u l-attur naqas milli mqar jippreżentaha bil-ġurament tiegħu. Fi kwalunkwe każ, il-kontenut ta' din l-ittra ma jitfa l-ebda dawl fuq il-fatti allegati mill-attur f'din il-kawża.

Huwa ovvju li l-kwistjoni tal-lum hija karatterizzata minn problemi familjari bejn il-partijiet kollha involuti. Il-verżjoni tal-attur ftit li xejn jista' jintqal li hija kredibbli jew verosimili u allura din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad it-talbiet tiegħu.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni limitatament billi tiddikjara li l-azzjoni attriċi għall-dikjarazzjoni ta' nullità abbażi ta' obbligazzjoni mingħajr kawża u vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza hija preskritta a tenur tal-artikolu 1222(1) u 1222(2) tal-Kapitolu 16 u tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fil-bqija, tiċħad ir-rimanenti talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG